MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 395/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Stafrace**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Stafrace talli fl-24 ta’ Awissu 2009, f’dawn il-Gzejjer, b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Marvic Micallef (detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 31175(M)), u cioe’ b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha

u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37) ghad-detriment ta' Joseph Ellul Sullivan f'isem il-kumpanija Aquatess Marketing Limited u/jew Alfred Mallia, fl-atti li bihom id-delitt kien ippreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kien jaf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li seta' jimpedih, hallih isir;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Kevin Stafrace hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-12 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tikkancella s-sentenza appellata u wara ssib htija fl-appellat u tinfliggi fuqu l-piena jew pieni skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu bazikament li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u kellha ssib il-htija. Jghid illi r-riluttanza, it-tlaqliq u t-titubanzi ta' Marvic Micallef li tirreferi ghalihom l-ewwel Qorti huma ragjonevolment spjegabbli mill-fatt illi Marvic Micallef u l-appellat kienu hbieb. Imbaghad fix-xiehda tieghu dejjem jitkellem fil-plural. "Huwa vera li kien il-mohh wara din l-istorja, imma la darba l-imputat accetta li jaghti l-assistenza tieghu u la darba kien hemm il-ftehim kif kienu se jwettqu dan il-pjan, ma taghtix tort lil Marvic Micallef li jitkellem fil-plural kif tkellem." Skond l-Avukat Generali, "johrog car mix-xiehda ta' Marvic Micallef li bejnu u bejn l-imputat … kien hemm intendiment wiehed u skop komuni. Marvic Micallef cempel lill-imputat u nfurmah b'kollox. Irrisponda wkoll li 'iva' kien informa lill-imputat li l-ordni kienet tal-kazin tal-Gharghur. Spjega wkoll li Kevin Stafrace gie moghti s-somma ta' €1,000 ta' din il-bicca xoghol wara li kienu bieghu dan l-istess xorb lil Alfred Mallia. Fil-fatt kieku l-imputat kien innocenti u ma

kienx jaf b'dan il-pjan kien mill-ewwel jistaqsi kif ix-xorb qed jigi mibjugh lil Alfred Mallia meta dan ix-xorb kien suppost destinat lill-kazin tal-Gharghur."

**6.** Dan huwa kaz li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Issa, irid jigi osservat li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda u ghalhekk kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda" u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9). Difatti hija kkummentat fuq l-imgieba ta' dak li jista' jitqies ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, cioe` Marvic Micallef, u stqarret illi x-xiehda tieghu kellha tittiehed b'kawtela kbira. Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn ezami li ghamlet tal-provi migbura, m'hemm l-ebda dubju li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Barra minn hekk din il-Qorti jkollha tistqarr illi mill-provi prodotti ma jistax jinghad li gie sodisfacentement pruvat illi sakemm l-appellant ghabba x-xorb fil-van u telaq minn fuq il-post u ghadda ghal Marvic Micallef kien ghadu jaf illi dak ix-xorb ma kienx effettivament sejjer il-kazin tal-Gharghur. Ghalhekk ma jistax jinghad illi gie pruvat *"a common design"* bejnu u Marvic Micallef. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali ma jimmeritax akkoljiment.

**8.** Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------